MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2003

Talba Numru. 193/2001/1

**Jonathan Mamo**

**vs**

**Emanuele Busuttil**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-attur fil-21 ta' Marzu, 2001, fejn intalab li l-konvenut jersaq ghal likwidazzjoni u hlas ta' danni kagunati lill-attur meta l-vettura JAB 518 misjuqa mill-konvenut kontra s-sinjali tat-traffiku, baqghet hierga ghal Valletta Road, Zurrieq, u habet mal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni AAR 184 mijsuqa mill-attur.**
**Ra r-risposta tal-konvenut ipprezentata fl-4 ta' Mejju, 2001, fejn intqal illi l-ebda ammont ma huwa dovut in linea ta' danni stante li dan l-incident ma garax tort tal-konvenut;**

**Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-ammont mitlub huwa esagerat; ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.**

**Sema’ x-xhieda ta’ Jonathan Mamo, Spettur Walter Spiteri. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ra illi l-kawza giet differita diversi drabi ghall-provi tal-konvenut li naqas milli jtella’ l-provi tieghu.**

**Ikkunsidra:**
**1. Illi l-attur kien qed isuq il-vettura AAR 184 go Valletta Road, Zurrieq, u ried jidhol f’side street li tinsab hemm, ra l-vettura tal-konvenut bin-numru tar-registrazzjoni JAB 518 gejja sparata ghal fuqu fin-nofs tal-karreggjata tieghu u dana baqa’ hiereg minn fuq l-istop sign.**

**2. Bhala principju, huwa risaput illi min ikun hiereg minn fuq stop sign ghandu juza’ l-massima diligenza f’din il-manuvra, haga li jirrizulta li l-konvenut m’ghamilx u konsegwentement ghandu jinzamm responsabbli ghad-danni li garrab l-attur.**

**3. Bhala danni l-attur kellu l-fanal u l-indicator tax-xellug imkissrin, kif ukoll ix-xibka u l-bumper, u fir-rigward esebixxa l-ircevuti in kwistjoni Dok JM1 sa JM 3. Dawn id-danni mill-ircevuti esibiti jammontaw ghal mija tlieta u sittin lira Maltija u tmienja u tletin centezmu (Lm163.38).**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed isib lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident li sehh fl-10 ta’ Jannar 2001 fi Triq Valletta Zurrieq, u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur id-danni rizultanti li qed jigu likwidati fis-somma ta’ mija tlieta u sittin lira Maltija u tmienja u tletin centezmu (Lm163.38).**

**L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

---------------------------------TMIEM---------------------------------